MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Numru 1088/2004

**Il-Pulizija**
(Spettur Stephen J. Gatt)
**vs**
**‘Ommississ’**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra ‘omississ’ ta’ 38 sena.

Talli:-

Fil-15 ta’ Dicembru 2004 ghal-habta tas-1.00pm gewwa l-
l-Imsida:-
a) Ingurja jew hedded jew ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ ‘omississ’, wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li

jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz.

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel reziztenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma tiqiesx vjolenza pubblika, kontra ‘ommississ’, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti.

c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ “ommississ” mill-Msida hekk kif ccertifikaw Dr. Delia, M.D., u Dr. A. Farrugia, M.D., ta’ l-Isptar San Luqa.
.
d) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

e) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ma obdix l-ordnijiet legittimi ta’ awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixxklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil-haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun.
f) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ ‘ommississ’ sabiex jingurjah, idejqu jew jagmillu hsara jew lil-haddiehor.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghhu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni fil-prezenza ta’ l-avukat difensur.

Issibu hati.

Rat l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ssibu hati tar-reat hemm imsemmi u mhux hati tar-reati l-ohra u tikkundannah mija u hamsin lira Maltija (LM 150) multa.

Il-Qorti billi jidhrilha xieraq li tipprovdi ghas-sigurta tal-vittma qed torbot lill-hati ‘a tenur’ ta’ l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 b’obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta’ mitt lira Maltija (LM 100) ghal zmien sena.

Il-Qorti tordna li fuq l-ebda sura ta’ medja ma ghandu jixxandar l-isem tal-hati, l-isem tal-vittma, il-post fejn twettaq ir-reat. Din il-kundanna ma ghandiex titnizzel fil-fedina penali ta’ l-akkuzat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------